**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta`Gunju 2020**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Nru. 25/2019 JZM**

**John Mazzacano D`Amato (K.I. 13946M) u Helen Mazzacano D`Amato (K.I. 476853M)**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

***u***

**ghal kull interess li jista` jkollu, Dominic Chircop (799249 M) bhala stralcjarju tal-kumpannija MD Investments Limited (illum stralcjata)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fid-19 ta` Settembru 2019 li jaqra hekk :

*1. Illi dan ir-rikors qed jigi mressaq a tenur tal-artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Illi r-rikorrenti kienu azzjonisti tas-socjeta` MD Investments Ltd (C12082), precedentement maghrufa bhala John D`Amato Limited, u dan kif jirrizulta mill-estratt imnizzel mis-sit ufficjali tar-Registru tas-Socjetajiet Maltin (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok'A').*

*3. Illi s-socjeta` MD Investments LTD (minn hawn `il quddiem imsejha bhala l-Kumpannija") kienet socjeta` registrata f`Malta mar-Registratur tal-Kumpanniji bin-numru C12082 u kellha l-ufficcju registrat taghha f`Morning Glory, Ganni Portelli Street, Attard ATD 2791, Malta.*

*4. Illi l-Kumpannija kienet giet xjolta permezz ta` rizoluzzjoni straordinarja tal-Kumpannija datata wiehed u tletin (31) ta` Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) a tenur tal-artikolu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (kopja tal-formola B(1) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B'). L-azzjonisti tal-Kumpannija, hawn rikorrenti, kienu wkoll hargu Declaration of Solvency ukoll datata wiehed u tletin (31) ta` Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) a tenur tal-artikolu 268 tal-Att dwar il-Kumpanniji (kopja tal-formola B(2) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C').*

*5. Illi l-istralcjarju tal-Kumpannija, Dominic Chircop, hejja r-rapport tieghu ghall-fini tal-istralc tal-Kumpannija ossia l-liquidation accounts mill-wiehed u tletin (31) ta` Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) sas-sbatax (17) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u pprezenta l-istess lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji fil-wiehed u ghoxrin (21) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) (kopja tal-liquidation accounts hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D').*

*6. Illi skont l-iskema ta` distribuzzjoni li hejja l-istralcjarju, il-Kumpannija kellha biss proprjeta` wahda : 'la Colomba', numru mija u sittax, ittra 'A' (116A), Tower Road, Sliema, Malta.*

*7. Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta` Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-imsemmija Kumpannija giet struck off ossia kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet Maltin u dan wara li tlesta l-process ta` stralc (kopja ta` statement mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji annessa u mmarkata bhala Dok 'E').*

*8. Illi meta saret l-iskema ta` distribuzzjoni, il-fond ossija flat internament markat bin-numru wiehed (1) li jaghmel parti mill-blokk bini numru mija u sittax (116), Tower Road, Sliema, flimkien mal-bejt u l-arja tal-korp ta` bini numru 116 u 116A, Tower Road Sliema, kif ahjar deskritti fil-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta` datat dsatax (19) ta` Gunju 1991 (minn hawn `il quddiem msejjah bhala 'il-proprjeta`' - ara Dok. 'F') ma giex meqjus mill-istralcjarju. B`konsegwenza ta` dan l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-Registru minghajr ma` din il-Proprjeta` giet trasferita lill-azzjonisti tal-Kumpannija.*

*9. Illi r-rikorrenti ghandhom interess illi ssir rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni relattiv tal-istralc tal-Kumpannija sabiex l-imsemmija Proprjeta` tkun tista` tidher mal-assi tal-Kumpannija fl-iskema ta` distribuzzjoni u tigi mqassma a favur l-azzjonisti tal-istess Kumpannija.*

*10. Illi galadarba ser ikun mehtieg li ghall-eventwali distribuzzjoni tal-imsemmija Proprjeta` isir att notarili li fuqu tidher il-Kumpannija sabiex titrasferixxi u tassenja l-Proprjeta` favur ir-rikorrenti, dan ser jirrikkjedi li l-isem tal-Kumpannijia jigi temporanjament imqieghed mill-gdid fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u l-istralc jerga` jinfetah mill-gdid.*

*11. Illi ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta l-Kumpannija thassret minn fuq ir-Registru tal- Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni*

*(i) Tordna li l-isem tal-kumpannija MD Investments Ltd, gja` maghrufa bhala John D`Amato Limited, jerga` jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u l-istralc taghha jerga` jinfetah ghal zmien li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi u dan limitatament ai fini ta` rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni u atti u passi ohrajn relatati u ancillari ghall-istess.*

*(ii) Tordna li ssir rettifika tal-iskema ta` distribrzzjoni relattiv ghall-istralc tal-imsemmija MD Investments LTD billi jittiehed kont tal-Proprjeta` ossija l-flat internament markat bin-numru wiehed (1) li jaghmel parti mill-blokk bini numru mija u sittax (116), Tower Road, Sliema, flimkien mal-bejt u l-arja tal-korp ta` bini numru 116 u 116A, Tower Road Sliema, kif ahjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta` datat dsatax (19) ta` Gunju 1991, li giet eskluza mill-istess skema ta` distribuzzjoni, sabiex din tkun tista` tigi distribwita a favur ir-rikorrenti qua azzjonisti tal-istess MD Investments LTD wara li jittiehdu dawk il-passi kollha opportuni u necessarji f` dan ir-rigward inkluz li tghaddi kwalunkwe rizoluzzjoni li biha tigi approvata tali skema ta` distribuzzjoni rettifikata.*

*(iii) Tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Abela, jew nutar iehor tal-ghazla ta` din l-Onorabbli Qorti, sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta` trasferiment tal-imsemmija Proprjeta`, tappunta jum, hin u lok ghall-finijiet ta` tali pubblikazzjoni u tawtorizza lill-istralcjarju ta` MD Investments Ltd sabiex jirrapprezenta lill-istess socjeta` fuq l-imsemmi att notarili.*

*(iv) Tordna lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiehu l-mizuri kollha li jistghu ikunu necessarji sahiex tali rettifika tkun tista` ssir u tinghata effett.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Registratur tal-Kumpanniji fit-18 ta` Otturbu 2019 liema risposta kienet ikkonfermat bil-gurament mill-Av. Dr. Claudette Fenech in rapprezentanza tal-istess intimat.

Ir-risposta taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali ta` din il-kawza l-intimat jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju abbli ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-esponent ihoss li l-uniku interess tieghu f`din il-kawza kellu jikkoncerna dak li ghandu x`jaqsam mal-operat tieghu bhala registratur kif mitlub minnu mill-Att dwar il-Kumpanniji 1995 partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti illi ghandhom jigu notifikati lilu skont xi wahda mid-dispozzizjonijiet tal-istess Att.*

*Illi ghaldaqstant wara illi r-registratur ircieva d-dokumentazzjoni mibghuta lilu ghax-xoljiment u kancellament tal-kumpannija M.D. Investments Limited (C 12082), wara li kkonferma illi huma konformi*

*mal-ligi, huwa mexa sabiex irregistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi ghalhekk wara illi rregistra d-dokumentazzioni mibghuta mill-istralcjarju l-esponent ipproceda sabiex, fil-21 ta` Ottubru 2015, jippublika l-avviz illi l-kancellament tal-kumpannija kellu jigi fis-sehh f`gheluq tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviz imsemmi u cioe` fil-21 ta` Jannar 2017.*

*Illi minkejja talli publikazzjoni hadd ma ghamel xi tip ta` oggezzjoni ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija.*

*Illi, ta` min jinnota, illi l-imsemmija socjeta` giet mhassra voluntarjament wara li giet xolta fil-31 ta` Dicembru 2014 u kancellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fuq procedura mibdija mir-rikkorenti stess.*

*Illi wara l-kancellament, ir-rikorrenti fir-rikors promotur qallu li ndunaw illi numru ta` immobbli u drittijiet marbuta maghha ma giex meqjusa mill-istralcjarju waqt l-process ta` stralc. Madanakollu ir-rikorrenti ma kwalifikaw bl-ebda mod tali nuqqas min-naha tal-istralcjarju.*

*Illi fil-proceduri odjerni ir-rikorrenti qeghdin jitolbu illi l-isem tal-kumpannija jigi temporanjament imqieghed mill-gdid fuq ir-registru tal-kumpannniji sabiex l-istralc jerga` jinfetah mill-gdid u konsegwentement tkun tista` tigi rettifika l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija billi jittiehdu in konsiderazzjoni l-assi li thallew barra mill-istralcjarju tal-kumpannija.*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralc ta` kumpannija ma jkunx gie ikkalkolat xi assi tal-kumpannija u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru kull persuna illi fil-fehma*

*tal-Qorti ghandha interess tista` permezz ta` rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distrbuzzjoni taht dawk id-direttivi u kondizzjonijiet illi jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz illi jkollha quddiemha.*

*Illi bl-ebda mod illi tali Artikolu 3004 ma jikkontempla illi l-isem tal-kumpannnija jerga` jitqieghed fuq ir-registru izda tikkontempla biss illi tigi rettifikata l-iskema tad-distribuzzjoni sabiex tigi mehuda in konsiderazzjoni l-assi li thallew barra.*

*Illi kif dejjem ssostniet dina l-Onorabbli Qorti tali artikolu ghandu jitqies bhala wiehed straordinarju u ghalhekk l-esponent umilment jissolleva illi talli rimedju ma ghandux jinghata sabiex jinstab rimedju billi tali procedura zgur ma kinetx intenzjonata semplicement sabiex tirrimedja ghal zbalji, traskuragni jew negligenza illi tithalla issir fil-konduzzjoni tal-procedura ta` stralc u kancellament ta` isem ta` kumpannija.*

*Illi f`kaz ta` stralc voluntarju, l-obbligi u-responsabbilitajiet legali tal-istralcjarju huma iktar onoruzi. Ghaldaqstant l-istralcjarju irid jassigura ruhhu illi l-affarijiet gew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi l-assi kollha tal-kumpannija partikolarment dawk immobli jkunu verament ghaddew f` idejn l-azzjonisti tal-kumpannija, qabel ma jghaddi ghas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali.*

*Illi l-esponent, bla preguddizju ghas-suespost, ihoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan r-rimedju eccezzjonali, ghandhom jigu stabbiliti b` mod car l-iskop u l-perijodu kif ukoll jinghataw direttivi u kondizzjonijiet kollha li hemm bzonn f` dan il-kaz u dan sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bzonn.*

*Illi l-intimat Registratur m` ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz ghaliex huwa mexa b` mod korrett u skont kif titlob minnu l-ligi.*

Rat in-nota li pprezenta l-intimat Dominic Chircop fit-30 ta' Ottubru 2019 fejn irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta` l-Qorti.

Rat il-provi li tressqu fil-kors ta` dan il-procediment.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-Art 300A tal-Kap 386

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Meta fil-kors ta` l-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta` distribuzzjoni u l-isem ta` dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta jista`, b`rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa :*

*Izda f`ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista` jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet **"Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et"** inghad hekk -

*... irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin sabiex ma jkunx hemm lok ghal abbuz jew ghal kolluzjoni bejn il-partijiet interessati. Azzjonisti ghandhom kemm ghandhom ishma ta` socjeta` m`ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta` kumpannija b`leggerezza forsi anke bl-idea li jekk `il quddiem tinqala` l-htiega l-kumpannija tigi ravvivata. F`kaz ta` agir manifestament traskurat jew f`kaz ta` nuqqas ta` serjeta` da parti tal-azzjonisti, il-Qorti m`ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta` min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem f`kazijiet ta` pregudizzju ghal terzi. Sakemm ma hemmx pregudizzju ghal terzi, darba kumpannija tigi mhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji iridu jirrizultaw cirkostanzi genwini u eccezzjonali u mhux rizultat ta` semplici negligenza da parti tal-azzjonisti qabel ma kumpannija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m`ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta` socjetajiet kummercjali.*

## III. Fatti

Il-fatti tal-kaz kienu dawn :–

1) Fil-31 ta` Dicembru 2014, l-azzjonisti tal-kumpannija MD Investments Ltd, u cioe` z-zewg rikorrenti, approvaw unanimament risoluzzjoni fejn qablu li tigi xjolta l-kumpannija u li jinhatar l-intimat Dominic Chircop bhala stralcjarju.

2) Fil-31 ta` Dicembru 2014, l-azzjonisti tal-kumpannija MD Investments Ltd ghamlu *declaration of solvency* skont il-ligi peress illi si trattava ta` xjoljiment volontarju ta` kumpannija.

3) L-istralcjarju Dominic Chircop hejja r-rapport tieghu ossia *liquidation accounts* mill-31 ta` Dicembru 2014 sas-17 ta` Ottubru 2016 u pprezenta dan ir-rapport lill-intimat fil-21 ta` Ottubru 2016.

4) Skont l-iskema ta` distribuzzjoni mhejjija mil-istralcjarju kien hemm biss proprjeta` wahda 'la Colomba', numru mija u sittax, ittra 'A' (116A), Tower Road, Sliema, Malta.

5) Il-kumpannija kienet imhassra minn fuq ir-Registru fil-21 ta` Jannar 2017.

6) Gara li meta saret l-iskema ta` distribuzzjoni, il-fond ossija l-*flat* internament markat bin-numru wiehed (1) li jaghmel parti mill-blokk bini numru mija u sittax (116), Tower Road, Sliema, flimkien mal-bejt u l-arja tal-korp ta` bini numru 116 u 116A, Tower Road Sliema, ma kienux meqjusa mill-istralcjarju.

7) Ir-rikorrenti jikkwalifikaw bhala "persuni interessati" skont l-Art 300A(1) tal-Kap 386 sabiex tkun promossa l-procedura odjerna.

8) It-talba kienet prezentata fit-terminu ta` hames snin kif previst mill-Art 300A(5) tal-Kap 386.

## IV. <u>Risultanzi</u>

Kif tajjeb irrileva l-intimat fir-risposta, din il-Qorti taccetta li l-procedura skont l-Art 300A tal-Kap 386 hija ta` natura straordinarja u fil-fehma taghha hekk ghandha tibqa` titqies. It-talbiet li jitressqu fl-

ambitu ta` procedura ta` din ix-xorta m`ghandhomx jigu trattati *as a matter of course* izda ghandhom jitqiesu ghar-ragunijiet ghal kollox eccezzjonali li jsawwru dawk it-talbiet. Dan qieghed jinghad ghaliex dan il-procediment mhuwiex intiz li jkun *a rubber stamp procedure* fis-sens illi jservi semplicement sabiex isewwi zbalji jew nuqqasijiet li jkunu twettqu fil-konduzzjoni tal-istralc ta` kumpannija.

Premessa din il-linea ta` principju fl-interpretazzjoni tad-dritt, il-Qorti jidhrilha gust u xieraq li tosserva, in partikolari wara li hadet kont tal-istqarrija guramentata ta` r-rikorrent John Mazzacano D'Amato, li ghal dak li gara ma kellhom l-ebda htija jew nuqqas ir-rikorrenti bhala l-"*persuni nteressati*" li mexxew bl-azzjoni odjerna. Anke mir-risposta tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji, jidher evidenti li ghalkemm kien ferm fuq ir-*raison d`etre* wara d-disposizzjoni tal-Kap 386 li tahtha r-rikorrenti fittxew kenn, fl-istess waqt ma hax posizzjoni pregudizzjalment opposta ghat-talbiet tar-rikorrenti tant li ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-qorti, mentri ghall-fini tal-modalita` tal-applikazzjoni tad-disposizzjoni f`kaz ta` akkoljiment insista gustament fuq l-applikazzjoni ta` termini stretti.

Abbazi tal-provi akkwiziti, il-Qorti hija sodisfatta li dan tal-lum kien kaz genwin. Ghalkemm tirrikonoxxi li ghandha zzomm fil-mira taghha l-isfond ghaliex saret il-procedura skont l-Art 300A tal-Kap 386, fl-istess waqt tqis bhala krucjali li zzomm bilanc sabiex tintlahaq il-finalita` ta` dak li l-legislatur ried jikseb b`dik id-disposizzjoni. Certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur li jmur ghal *lettera morta* izda jfassal disposizzjoni li taghti rimedju effettiv fejn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hekk ikunu jiddettaw anke fuq bazi ta` gustizzja fil-milja taghha.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum ghandu jkun hemm rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni billi l-istralcjarju ghandu jinkludi *l-flat internament markat bin-numru wiehed (1) li jaghmel parti mill-blokk bini numru mija u sittax (116), Tower Road, Sliema, flimkien mal-bejt u l-arja tal-korp ta` bini numru*

*116 u 116A, Tower Road Sliema*, liema *assets* ma kinux ittiehdu in konsiderazzjoni waqt l-istralc.

Tikkondividi l-osservazzjoni tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji illi tenut kont tal-mod kif kien imfassal l-Art 300A tal-Kap 386 mhuwiex rikjest li r-Registratur jerga` jqieghed l-isem tal-kumpannija fuq ir-registru.

Fl-istess waqt sejra tindirizza l-esigenzi sollevati mir-Registratur billi tiffissa termini ragjonevoli ghar-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni u ghall-presentata taghhom lir-Registratur.

Il-Qorti qieghda tiehu din il-linja anke ghaliex tinsab assikurata li ebda terz mhu se jbati pregudizzju.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qieghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi :–**

**1. Tordna r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija M D Investments Ltd. (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082) sabiex din tkun tinkludi l-flat internament markat bin-numru wiehed (1) li jaghmel parti mill-blokk bini numru mija u sittax (116), Tower Road, Sliema, flimkien mal-bejt u l-arja tal-korp ta` bini numru 116 u 116A, Tower Road Sliema, liema assi ma kinux ittiehdu in konsiderazzjoni waqt l-istralc tal-istess kumpannija M D Investments Ltd (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082).**

**2. Tiddikjara li l-isem tal-kumpannija M D Investments Ltd (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082) ma ghandux jerga` jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna li l-procedura tar-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija M D Investments Ltd (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082) ghandha titwettaq sa zmien perentorju ta` sitt (6) xhur mil-lum.**

**4. Tordna li matul dan iz-zmien ta` sitt (6) xhur mil-lum issir il-pubblikazzjoni min-Nutar Pubbliku ta` Malta Dottor Joseph Abela tal-kuntratt li permezz tieghu l-assi fuq riferiti tal-kumpannija M D Investments Ltd (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082) jigu trasferiti lir-rikorrenti.**

**5. Tordna li, kif ighaddi t-terminu perentorju ta` sitt (6) xhur mil-lum, il-kumpannija M D Investments Ltd (li kellha n-numru ta` registrazzjoni : C12082) ghandha titqies bhala mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**6. Tordna lir-rikorrenti u lill-intimat Dominic Chircop sabiex ihallsu nofs kull wiehed tal-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**